ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 329

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

7 ta' Diċembru 2010

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


| | | |
|---|---|---|
| 2010/C 329/01 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6014 – GDF Suez/Certain Assets of Acea Electrabel) [1] | 1 |
| 2010/C 329/02 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5875 – Lactalis/Puleva Dairy) [1] | 1 |


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


| | | |
|---|---|---|
| 2010/C 329/03 | Rata tal-kambju tal-euro | 2 |
| 2010/C 329/04 | Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwantità li għaliha ma tressqet l-ebda applikazzjoni u li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011 fil-kuntest ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Komunità għal prodotti fis-settur tal-laħam tat-tjur | 3 |


MT

Prezz:
EUR 3

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2010/C 329/05 | Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li temenda l-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' Investmenti ta' Kaptial ta' riskju fl-impriżi żgħar u ta' daqs medju [1] | 4 |
| 2010/C 329/06 | Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li temenda l-perjodu ta' applikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri skont l-Artikolu 93(1) tat-Trattat KE li tapplika l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat lil assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir [1] | 6 |
| 2010/C 329/07 | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, wara l-1 ta' Jannar 2011, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjara [1] | 7 |
| 2010/C 329/08 | Ksur 2006/4524 – AUMSA – ittra ta' qabel l-għeluq | 11 |


V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


| | | |
|---|---|---|
| 2010/C 329/09 | Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5999 – Sanofi-Aventis/Genzyme) [1] | 12 |
| 2010/C 329/10 | Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5984 – Intel/McAfee) [1] | 13 |


MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6014 – GDF Suez/Certain Assets of Acea Electrabel)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 329/01)

Fl-24 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M6014. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

---

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5875 – Lactalis/Puleva Dairy)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 329/02)

Fit-23 ta' Awwissu 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Franċiż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32010M5875. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

**Is-6 ta' Diċembru 2010**

(2010/C 329/03)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3280 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3454 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 110,06 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3366 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4525 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,3113 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,84720 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7469 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,1115 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7345 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,3084 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 507,76 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,1756 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,9785 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,8291 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,3753 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,043 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 11 983,86 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,1790 |
| HUF | Forint Ungeriż | 280,15 | PHP | Peso Filippin | 58,097 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 41,5395 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7098 | THB | Baht Tajlandiż | 39,860 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,0190 | BRL | Real Brażiljan | 2,2405 |
| RON | Leu Rumen | 4,3060 | MXN | Peso Messikan | 16,4460 |
| TRY | Lira Turka | 1,9722 | INR | Rupi Indjan | 59,6700 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwantità li għaliha ma tressqet l-ebda applikazzjoni u li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011 fil-kuntest ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Komunità għal prodotti fis-settur tal-laħam tat-tjur**

(2010/C 329/04)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 ([1]) fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti mis-setturi tal-laħam tat-tjur. L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni li tressqu matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Ottubru 2010 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2011 Ottubru, għall-kwoti 09.4212, 09.4214, 09.4217 u 09.4218, kienu jkopru kwantitajiet iżgħar minn dawk disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 7(4) it-tieni frażi, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([2]), il-kwantitajiet li għalihom ma sarux talbiet, ġew miżjuda mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu tal-kwoti ta' wara, mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2011, u jidhru fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

*ANNESS*

| Nru tal-ordni tal-kwota | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu mill-1 ta' April 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011 (f'kg) |
|---|---|
| 09.4212 | 74 088 000 |
| 09.4214 | 3 269 290 |
| 09.4217 | 18 202 000 |
| 09.4218 | 9 276 800 |

([1]) ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

# Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li temenda l-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' Investmenti ta' Kaptial ta' riskju fl-impriżi żgħar u ta' daqs medju

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 329/05)

## 1. INTRODUZZJONI

Il-linji gwida tal-Komunità dwar għajnuna tal-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' kapital ta' riskju [1] (il-linji ta' gwida) jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jissodisfaw meta jagħtu għajnuna għall-promozzjoni ta' investimenti ta' kapital ta' riskju, partikolarment bil-ħsieb li jiġi żgurat li tali għajnuna ma jeskludix investituri privati u intermedjarji privati.

Il-linji gwida japplikaw mit-18 ta' Awwissu 2006. Minn dakinhar, ċerti dispożizzjonijiet mil-linji gwida ġew inklużi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) [2] li daħal fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2008.

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali [3] japplika mis-17 ta' Diċembru 2008 u jinkludi addattazzjoni temporanja ta' ċerti limiti stabbiliti fil-linji gwida dwar il-kapital ta' riskju li ppermettiet li jkun hemm parteċipazzjoni aktar baxxa min-naha tal-investituri privati u porzjonijiet ta' investiment ogħla.

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni dwar jekk ċerti adattazzjonijiet li kienu introdotti mill-Qafas Temporanju għandhomx isiru permanenti. Id-dejta tas-suq tindika li s-swieq tal-kapital ta' riskju għadhom ma rkuprawx mil-livelli ta' qabel il-kriżi. L-ammont ta' investituri fl-ekwità naqas meta mqabbel ma' dak tal-2008. L-aktar spjegazzjoni probabbli għal dan hija li l-istmerrija għar-riskju qiegħda tikber. Skont l-aktar dejta reċenti disponibbli u l-esperjenza ta' tnaqqis preċedenti, hemm indikazzjonijiet qawwija li n-negozji fil-qasam tat-teknoloġija fi stadju partikolarment bikri se jesperjenzaw nuqqas fit-tul ta' provvista ta' kapital ta' riskju, anke jekk dawn il-kumpaniji jkollhom prospetti ta' tkabbir.

Barra minn dan, riċerka li saret reċentement turi li l-limitu superjuri tan-nuqqas ta' ekwità għall-SMEs jista' jkun akbar milli kien ġie rrikonoxxut preċedentement.

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tqis li għandhom isiru l-emendi li ġejjin għal-linji gwida ta' kapital ta' riskju.

[1] ĠU C 194, 18.8.2006, p. 2.
[2] ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.
[3] ĠU C 16, 21.1.2009, p. 1.

## 2. EMENDI GHAL-LINJI GWIDI

L-emendi għal-linji gwida tal-Komunità dwar għajnuna tal-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' kapital ta' riskju d'impriżi li ġejjin se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2011:

(1) Il-Punt 4.3.1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"4.3.1. *Il-livell massimu ta' porzjonijiet ta' investiment*

Il-miżura dwar kapital ta' riskju għandha tipprovdi għal porzjonijiet ta' finanzjament, kemm jekk ikunu ffinanzjati totalment kemm jekk parzjalment permezz ta' għajnuna mill-Istat, li ma jaqbżux it-EUR 2,5 miljun għal kull SME fil-mira matul kull perjodu ta' tnax-il xahar."

(2) Il-Punt 5.1 (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) *Miżuri li jipprovdu għal porzjonijiet ta' investiment li jaqbżu l-limitu ta' eżenzjoni ta' EUR 2,5 miljun għal kull SME fil-mira matul kull perjodu ta' tnax-il xahar*

Il-Kummissjoni tinsab konxja dwar it-tibdil kontinwu fis-suq tal-kapital ta' riskju u n-nuqqas ta' ekwità tul iż-żmien, kif ukoll dwar il-gradi differenti tal-effett fuq l-impriżi affettwati mill-falliment tas-suq, li jiddependi fuq id-daqs tagħhom, l-istadju tal-iżvilupp tan-negozju tagħhom, u s-settur ekonomiku tagħhom. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija lesta li tikkunsidra li tiddikjara miżuri dwar il-kapital ta' riskju li jipprovdu għal porzjonijiet ta' investiment li jaqbżu l-limitu ta' EUR 2,5 miljun għal kull impriża kull sena, bħala kompatibbli mas-suq komuni, sakemm titressaq l-evidenza meħtieġa tal-falliment tas-suq."

(3) Fil-Punt 5.2.1, it-titlu u l-aprti introduttorja għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"5.2.1. *L-eżistenza u l-evidenza tal-falliment tas-suq*

Għall-miżuri dwar il-kapital ta' riskju li jipprevedu porzjonijiet ta' investiment f'impriżi fil-mira lil hinn mill-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 4, partikolarment dawk li jipprovdu għal porzjonijiet 'il fuq minn EUR 2,5 miljun għal kull SME fil-mira matul kull perjodu ta' tnax-il xahar, għal investimenti ta' segwitu jew finanzjament għall-fażi ta' espansjoni ta' impriżi ta' daqs medju f'żoni mhux assistiti kif

ukoll għal miżuri li speċifikament jinvolvu strument ta' investiment, il-Kummissjoni se teħtieġ evidenza addizzjonali li l-falliment tas-suq qed jiġi indirizzat f'kull livell fejn tista' tkun preżenti għajnuna qabel ma l-miżura proposta dwar il-kapital ta' riskju tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq komuni. Tali evidenza għandha tkun ibbażata fuq studju li juri l-livell ta' 'nuqqas ta' ekwità' fir-rigward tal-impriżi u s-setturi li jintlaqtu mill-miżura dwar il-kapital ta' riskju. L-informazzjoni relevanti tikkonċerna l-għoti ta' kapital ta' riskju u l-kapital ta' mobilizzazzjoni, kif ukoll l-importanza tal-industrija tal-kapital ta' riskju fl-ekonomija lokali. Dan idealment jingħata għal perjodi ta' minn tlieta sa ħames snin qabel l-implimentazzjoni tal-miżura kif ukoll għall-ġejjieni, fuq il-bażi ta' tbassir raġonevoli, jekk dan ikun disponibbli. L-evidenza li titressaq tista' tinkludi wkoll l-elementi li ġejjin:"

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li temenda l-perjodu ta' applikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri skont l-Artikolu 93(1) tat-Trattat KE li tapplika l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat lil assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 329/06)

## I. INTRODUZZJONI

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri skont l-Artikolu 93(1) tat-Trattat KE li tapplika l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat lil assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir [1] (il-Komunikazzjoni tal-1997) ġiet adottata fl-1997 u kellha tapplika għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 1998. Il-Komunikazzjoni ġiet sussegwentement emendata u l-validità tagħha ġiet estiża fl-2001 [2], fl-2004 [3] u fl-2005 [4]. -Issa għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2010.

Il-Komunikazzjoni tal-1997 tistipula li r-riskji kummerċjabbli ma jistgħux jiġu koperti minn assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni bl-appoġġ tal-Istati Membri. Ir-riskji kummerċjabbli huma riskji politiċi u kummerċjali ta' debituri pubbliċi u mhux pubbliċi stabbiliti fil-pajjiżi elenkati fl-Anness ta' dik il-Komunikazzjoni, b'perjodu massimu ta′ riskju ta' anqas minn sentejn. Madankollu, il-punt 4.4 tal-Komunikazzjoni jagħti l-possibbiltà taħt ċerti kundizzjonijiet li dawk ir-riskji jiġu koperti temporanjament minn assiguratur ta' kreditu għall-esportazzjoni pubbliku jew sostnut pubblikament.

F'Diċembru 2008, b'konsegwenza tal-kriżi finanzjarja, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Qafas temporanju Komunitarju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-appoġġ għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali [5], li introduċiet simplifikazzjoni proċedurali temporanja tal-proċedura għall-punt 4.4 tal-Komunikazzjoni tal-1997, rigward id-dimostrazzjoni tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' kreditu għall-esportazzjoni għal perjodu qasir.

Minn meta ġiet adottata fl-1997 u qabel il-kriżi finanzjarja, il-Kummissjoni applikat il-Komunikazzjoni tal-1997 fi ftit każijiet. Ħafna mill-esperjenza rilevanti sabiex jiġi vvalutat l-intervent pubbliku fis-segment għal perjodu qasir tas-suq tal-kreditu għall-esportazzjoni hija reċenti ħafna u s'issa ma setgħetx tiġi evalwata kollha kemm hi. Barra minn hekk, b'konsegwenza tal-kriżi finanzjarja attwali, nuqqas ta' kapaċità ta' assigurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni sabiex jiġu koperti r-riskji kummerċjabbli jista' jkun għadu jeżisti f'ċerti Stati Membri u jiġġustifika l-intervent tal-Istat.

Wara li qieset l-evidenza limitata disponibbli u l-bżonn li jiġu żgurati l-kontinwità u ċ-ċertezza legali fit-trattament tal-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni għal perjodu qasir bl-appoġġ tal-Istat f'sitwazzjoni ekonomika inċerta, il-Kummissjoni ddeċidiet li testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-1997 emendata sal-31 ta' Diċembru 2012.

## II. EMENDA LILL-KOMUNIKAZZJONI TAL-1997

L-emenda li jmiss lill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri skont l-Artikolu 93(1) tat-Trattat KE li tapplika l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat lil assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir tapplika mill-1 ta' Jannar 2011:

— Il-Punt 4.5 hu mibdul b' li ġej:

"Din il-Komunikazzjoni tapplika sal-31 ta' Diċembru 2012."

---

(1) ĠU C 281, 17.9.1997, p. 4.
(2) ĠU C 217, 2.8.2001, p. 2.
(3) ĠU C 307, 11.12.2004, p. 12.
(4) ĠU C 325, 22.12.2005, p. 22.
(5) ĠU C 16, 22.1.2009, p. 1.

# Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, wara l-1 ta' Jannar 2011, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjara

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 329/07)

## 1. INTRODUZZJONI

1. Sa mill-bidu tal-kriżi finanzjarja globali fil-ħarifa tal-2008, il-Kummissjoni ħarġet erba' Komunikazzjonijiet li pprovdew gwida teknika dwar il-kriterji għall-kompatibilità tal-għajnuna mill-Istat għall-istituzzjonijiet finanzjarji [1] mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tat-Trattat. Il-Komunikazzjonijiet kkonċernati huma l-Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri meħuda fejn jidħlu istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja preżenti [2] (il-Komunikazzjoni dwar il-Banek), il-Komunikazzjoni dwar r-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja preżenti: limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu meħtieġ u protezzjoni kontra distorsjonijiet ta' kompetizzjoni mhux misthoqqa [3] (il-Komunikazzjoni dwar ir-Rekapitalizzazzjoni), il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Trattament ta' Assi indeboliti fis-Settur Bankarju tal-Komunità (il-Komunikazzjoni dwar l-Assi Indeboliti) [4] u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq ir-ritorn għall-vijabbiltà u l-valutazzjoni ta' miżuri ta' ristrutturar fis-settur finanzjarju fil-kriżi attwali taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat [5] (il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar). Tlieta minn dawn l-erba' Komunikazzjonijiet dwar il-Banek, ir-Rikapitalizzazzjoni u l-Assi Indeboliti, jistabbilixxu l-prerekwiżiti għall-kompatibilità tat-tipi ewlenin ta' assistenza mogħtija mill-Istati Membri – garanziji fuq l-obbligazzjonijiet, ir-rikapitalizzazzjonijiet u l-miżuri ta' għajnuna għall-assi indeboliti – filwaqt li l-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar tiddeskrivi l-karatteristiċi partikolari li pjan ta' ristrutturar (jew pjan ta' vijabbiltà) għandu juri fil-kuntest speċifiku ta' għajnuna mill-Istat relatata mal-kriżi mogħtija lil istituzzjonijiet finanzjarji fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat.

2. L-erba' Komunikazzjonijiet kollha jenfasizzaw in-natura temporanja tal-aċċettabilità ta' dawn il-miżuri ta' għajnuna; kull waħda minnhom tgħid li kull miżura ta' għajnuna ta' dan it-tip tista' tkun ġustifikata biss bħala rispons ta' emerġenza għal taqlib mingħajr preċedenti fis-swieq finanzjarji u biss sakemm dawk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jkunu għadhom preżenti. Il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar hija valida għall-għajnuna għar-ristrutturar innotifikata sal-31 ta' Diċembru 2010 filwaqt li l-Komunikazzjonijiet l-oħra ma għandhomx data ta' skadenza.

3. Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi l-parametri għall-aċċettabilità temporanja tal-għajnuna lill-banek relatata mal-kriżi sa mill-1 ta' Jannar 2011.

[1] Għall-konvenjenza tal-qarrej, istituzzjonijiet finanzjarji ssir referenza għalihom sempliċement bħala "banek" f'dan id-dokument.
[2] ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8.
[3] ĠU C 10, 15.1.2009, p. 2.
[4] ĠU C 72, 26.3.2009, p. 1.
[5] ĠU C 195, 19.8.2009, p. 9.

## 2. IT-TKOMPLIJA TAL-APPLIKABILITÀ TAL-ARTIKOLU 107(3)(B) TAT-TRATTAT U L-ESTENSJONI TAL-KOMUNIKAZZJONI DWAR IR-RISTRUTTURAR

4. Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna lill-banek relatata mal-kriżi, u wkoll id-deċiżjonijiet individwali kollha dwar miżuri u skemi ta' għajnuna li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn il-Komunikazzjonijiet, huma adottati fuq il-bażi legali tal-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat, li, f'każi eċċezzjonali, jipprovdi għal għajnuna sabiex jiġi rrimedjat taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru. Fl-istadju l-aktar akut tal-kriżi, il-kundizzjoni ta' taqlib serju kienet mingħajr dubju ssodisfata madwar l-Unjoni fid-dawl tal-istress straordinarju fis-swieq finanzjarji, li wara żdied miegħu tnaqqis eċċezzjonalment qawwi tal-ekonomija reali.

5. It-titjib ekonomiku, li beda bil-mod sa mill-bidu tal-2010, ipproċeda b'pass iktar mgħaġġel milli mistenni iktar kmieni din is-sena. Filwaqt li t-titjib għadu fraġli u żbilanċjat mal-medda tal-Unjoni, xi Stati Membri qed juru rati ta' tkabbir modesti jew anki aktar qawwija. Ta' min iżid, li minkejja xi żoni ta' vulnerabbilita', is-saħħa tas-settur bankarju tjiebet in ġenerali meta mqabbla mas-sitwazzjoni sena ilu. B'riżultat ta' dan, l-eżistenza ta' taqlib serju fl-ekonomija tal-Istati Membri kollha ma għadhiex daqshekk evidenti bħalma kienet fl-istadji aktar bikrin tal-kriżi. Filwaqt li hija konxja minn dawk l-iżviluppi, il-Kummissjoni xorta waħda tqis li l-kundizzjonijiet sabiex l-għajnuna mill-Istat tiġi approvata skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat huma ssodisfati fid-dawl tal-fatt li s-sitwazzjoni baqgħet prekarja fis-swieq finanzjarji u li hemm ir-riskju ta' effetti ta' spillover negattiv għar-raġunijiet ippreżentati f'din il-Komunikazzjoni.

6. Il-kriżi tad-dejn sovran li reġgħet bdiet turi b'mod qawwi l-volatilità dejjiema tas-swieq finanzjarji. Il-livell għoli ta' interkonnessjoni u interdipendenza fi ħdan is-settur finanzjarju fl-Unjoni wassal għal tħassib fis-suq li l-problema tixtered. L-instabbiltà għolja tas-swieq finanzjarji u l-inċertezza dwar il-futur ekonomiku jiġġustifika li tinżamm, għal raġunijiet ta' sikurezza, il-possibiltà għall-Istati Membri li jargumentaw favur rikors għal miżuri ta' appoġġ relatati mal-kriżi fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat.

7. Għaldaqstant, il-Komunikazzjonijiet dwar il-Banek, ir-Rikapitalizzazzjoni u l-Assi Indeboliti, li jipprovdu gwida dwar il-kriterji għall-kompatibilità tal-għajnuna relatata mal-kriżi għall-banek fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(b) – partikolarment fil-forma ta' garanziji tal-gvern, rikapitalizzazzjonijet u miżuri ta' appoġġ għal assi indeboliti – jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ wara l-31 ta' Diċembru 2010. Bl-istess mod, il-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar, li tindirizza s-segwitu

għal dawn il-miżuri ta' appoġġ, ukoll jenħtieġ li tibqa' applikabbli wara dik id-data. L-ambitu temporali tal-Komunikazzjoni dwar ir-Ristrutturar – l-unika waħda mill-erba' Komunikazzjonijiet b'data ta' skadenza speċifika, il-31 ta' Diċembru 2010 – għandu għalhekk jiġi estiż għall-għajnuna għar-ristrutturar innofitikata sal-31 ta' Diċembru 2011.

8. Madankollu, il-Komunikazzjonijiet jenħtieġ li jiġu addattati bil-għan li titħejja tranżizzjoni għas-sistema ta' wara l-kriżi. B'mod parallel, ikollhom jitfasslu regoli ġodda permanenti ta' għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-banek f'kundizzjonijiet normali tas-suq u, jekk il-kundizzjonijiet tas-suq jippermettu, dawn għandhom japplikaw sa mill-1 ta' Jannar 2012. Il-possibbiltà li se tibqa' l-ħtieġa ta' għajnuna mill-Istat straordinarja għas-settur finanzjarju, ikkawżata mill-kriżi, għandha tiġi evalwata fid-dawl ta' dak l-objettiv. Hija għandha tiġi indirizzata billi l-kriterji għall-kompatibilità ta' din l-għajnuna jiġu stabbiliti bil-mod li l-aħjar jipprepara għas-sitema l-ġdida għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-banek fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

## 3. L-AVVANZAR TAL-PROĊESS TAL-ĦRUĠ

9. Il-fatt li l-miżuri ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat jibqgħu disponibbli quddiem il-kundizzjonijiet eċċezzjonali tas-suq ma għandhiex tfixkel il-proċess ta' rtirar mill-miżuri straordinarji temporanji ta' appoġġ għall-banek. Fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji kkonkluda li huwa meħtieġ li titfassal strateġija għall-irtirar gradwali tal-miżuri ta' appoġġ li tkun trasparenti u kkoordinata b'mod xieraq bejn l-Istati Membri sabiex jiġu evitati effetti negattivi ta' spillover iżda li tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi differenti fl-Istati Membri ([1]). Il-konklużjonijiet jistabbilixxu wkoll li, fil-prinċipju, il-proċess ta' rtirar tal-forom differenti ta' għajnuna għall-banek għandu jibda bit-tneħħija tal-iskemi ta' garanzija tal-banek, li jinkoraġġixxi l-ħruġ tal-banek is-sodi u jwassal lill-banek l-oħra sabiex jindirizzaw id-dgħufijiet tagħhom.

10. Sa mill-1 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni applikat kundizzjonijiet aktar stretti għall-kompatibilità tal-garanziji tal-gvern taħt l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat ([2]) billi introduċiet a) miżata ta' garanzija miżjuda u b) l-obbligu l-ġdid ta' pjan ta' vijabbiltà għall-benefiċjarji li jirrikorru għal garanziji ġodda u jaqbżu ċertu limitu massimu ta' obbligazzjonijiet garantiti pendenti totali kemm f'termini assoluti kif ukoll fir-rigward tal-obbligazzjonijiet totali ([3]). Il-Kummissjoni espressament illimitat l-ambitu ta' dawn l-iskemi modifikati ta' garanzija għat-tieni nofs tal-2010. Fid-dawl tas-sitwazzjoni kurrenti tas-suq u taż-żmien limitat sa mill-introduzzjoni tal-kundizzjonijiet il-ġodda tal-ipprezzar, ma jidher li hu meħtieġ l-ebda aġġustament ieħor għal dawn il-kundizzjonijiet fil-preżent. L-iskemi ta' garanzija tal-gvern li għalihom l-approvazzjoni tal-għajnuna mill-Istat tiskadi fi tmiem l-2010 jistgħu għalhekk jiġu awtorizzati għal sitt xhur oħra wara t-30 ta' Ġunju 2011 fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet introdotti sa minn Lulju 2010 ([4]). F'konformità mal-prattika preċedenti, il-Kummissjoni se tirrivaluta l-kundizzjonijiet għall-kompatibilità tal-garanziji mill-Istat wara t-30 ta' Ġunju 2011 fl-ewwel nofs tal-2011.

11. Fil-paragrafi li ġejjin, il-Kummissjoni se tippreżenta l-passi ta' rtirar gradwali fir-rigward tal-miżuri tar-rikapitalizzazzjoni u tal-assi indeboliti, billi, għal dawk il-miżuri, għadhom ma ttieħdu l-ebda passi ta' dan it-tip lil hinn mill-inċentivi għall-ħruġ li diġà hemm permezz tal-ipprezzar.

## 4. IT-TNEĦĦIJA TAD-DISTINZJONI BEJN IL-BANEK B'SAĦĦITHOM U DAWK IMDGĦAJFA GĦALL-FINIJIET TAL-PREŻENTAZZJONI TA' PJAN TA' RISTRUTTURAR

12. Fil-bidu tal-kriżi, il-Kummissjoni stabbiliet distinzjoni bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji mhux sodi/imdgħajfa u istituzzjonijiet finanzjarji fundamentalment sodi, jiġifieri istituzzjonijiet finanzjarji li qed isofru minn problemi strutturali endoġeni, strutturali marbuta pereżempju mal-mudell tan-negozju jew strateġija tal-investiment partikolari tagħhom u istituzzjonijiet finanzjarji li l-problemi tagħhom huma dovuti fil-biċċa l-kbira għas-sitwazzjoni estrema tal-kriżi finanzjarja pjuttost milli għal kemm hu sod il-mudell tan-negozju tagħhom, l-ineffiċjenza jew it-teħid ta' riskji eċċessivi. Id-distinzjoni hija ddefinita b'mod partikolari fuq il-bażi ta' numru ta' indikaturi ppreżentati fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikapitalizzar: l-adegwatezza tal-kapital, il-firxiet kurrenti tal-Credit Default Swaps (CDS), il-klassifikazzjoni

([1]) Dawn il-konklużjonijiet ġew approvati mill-Kunsill Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2009. Bl-istess mod, il-Parlament Ewropew insista fir-Riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2010 dwar ir-Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2008 (http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&language=MT&reference=P7-TA-2010-0050) li l-appoġġ mill-Istat għall-istituzzjonijiet finanzjarji ma għandux jittawwal aktar milli meħtieġ u li l-istrateġiji ta' ħruġ għandhom jitfasslu malajr kemm jista' jkun.

([2]) Ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2010: http://ec.europa.eu/competition/state_aid/studies_reports/phase_out_bank_guarantees.pdf

([3]) Bi klawżola ta' flessibilità li tippermetti rivalutazzjoni tas-sitwazzjoni u rimedji xierqa fil-każ ta' xokk qawwi ġdid għas-swieq finanzjarji fl-UE jew f'xi Stat Membru jew Stati Membri. L-ebda wieħed mill-Istati Membri li nnotifikaw estensjoni tal-iskemi ta' garanzija tagħhom sat-tmiem tal-2010 ma invokaw din il-klawżola ta' flessibilità.

([4]) L-istess japplika għall-iskemi ta' likwidità.

kurrenti tal-bank u l-prospettivi tiegħu u wkoll, fost affarijiet oħra, id-daqs relattiv tar-rikapitalizzazzjoni. Fir-rigward ta' din tal-aħħar, il-Kummissjoni tqis għajnuna li tingħata fil-forma ta' rikapitalizzazzjoni u miżuri ta' appoġġ għal assi indeboliti ta' aktar minn 2 % tal-assi tal-bank bil-piż differenzjat għar-risjku bħala indikatur li jiddistingwi bejn banek fundamentalment sodi u banek imdgħajfa. Ir-rikapitalizzazzjoni ta' bank imdgħajjef tikkawża l-obbligu li jitressaq pjan ta' ristrutturar lill-Kummissjoni, filwaqt li r-rikapitalizzazzjoni ta' bank solidu tirrikjedi li jiġi ppreżentat pjan ta' vijabbiltà

13. Ir-raġuni oriġinali għaliex ġiet stabbilita dik id-distinzjoni u għaliex ġiet stabbilita firxa ta' indikaturi, inkluż limitu massimu ta' 2 % tal-assi tal-bank bil-piż differenzjat skont ir-riskju, kienet il-biża' li ħtiġijiet tal-kapital li jirriżultaw mill-indebolimenti, aspettattivi ogħla mis-swieq fir-rigward tal-livelli tal-kapital tal-banek u diffikultajiet temporanji biex jinkiseb il-kapital fis-swieq altrimenti kienu jwasslu lil banek sodi sabiex inaqqsu s-self tagħhom lill-ekonomija reali sabiex jevitaw li jkollhom jippreżentaw pjan ta' ristrutturar meta jirrikorru għar-riżorsi tal-Istat. Fil-preżent, madankollu, is-settur bankarju inġenerali qed jiffaċċja inqas diffikultajiet biex jikseb il-kapital fis-swieq jew, fost l-oħrajn, permezz ta' qligħ riinvestit ([1]) u għalhekk jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' kapital tagħhom mingħajr rikors għall-għajnuna mill-Istat ([2]). L-ammont tal-kapital li nkiseb mill-istituzzjonijiet finanzjarji fis-suq żdied b'mod sinifikanti matul l-2009 u l-2010, u dan wera li reġa' ġie stabbilit l-aċċess tal-istituzzjonijiet finanzjarji għas-swieq kapitali u wera wkoll l-antiċipazzjoni ta' obbligi regolatorji ġodda ([3]).

14. Id-distinzjoni bejn banek sodi u dawk imdgħajfa għalhekk ma għadhiex tidher li hi relevanti sabiex jiġi ddeterminat liema banek għandhom jidħlu f'diskussjoni mal-Kummissjoni dwar ir-ristrutturar tagħhom. B'riżultat ta' dan, banek li jkun għad għandhom rikors għall-Istat fl-2011 sabiex jiksbu l-kapital jew għal miżuri ta' għajnuna għall-assi indeboliti għandhom ikunu obbligati li jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan ta' ristrutturar li juri d-determinazzjoni tal-bank li jagħmel l-isforzi meħtieġa ta' ristrutturar u jirritorna għall-vijabbiltà mingħajr dewmien bla bżonn. Għalhekk, mill-1 ta' Jannar 2011, ikun meħtieġ pjan ta' ristrutturar mingħand kull benefiċjarju ta' rikapitalizzazzjoni jew miżura ta' għajnuna għal assi indeboliti ġdida ([4]).

15. Fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' ristrutturar tal-banek, il-Kummissjoni se tqis is-sitwazzjoni speċifika ta' kull istituzzjoni, il-grad sa liema dan ir-ristrutturar ikun meħtieġ sabiex terġa' tiġi stabbilita l-vijabbiltà mingħajr aktar għajnuna mill-Istat kif ukoll x'dipendenza kien hemm minn qabel fuq għajnuna mill-Istat. Bħala regola ġenerali, aktar ma tkun sinifikanti d-dipendenza fuq l-għajnuna mill-Istat, aktar tkun b'saħħitha l-indikazzjoni ta' ħtieġa għal ristrutturar profond sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul. Minbarra dan, il-valutazzjoni individwali se tqis kull sitwazzjoni speċifika fis-swieq u se tapplika l-qafas tar-ristrutturar b'mod flessibbli kif xieraq fil-każ ta' xokk qawwi li jipperikola l-istabbiltà finanzjarja f'mill-anqas Stat Membru wieħed.

16. Li jintalab pjan ta' ristrutturar mill-banek li jibbenefikaw minn għajnuna strutturali (jiġifieri rikapitalizzazzjoni u/jew miżuri fir-rigward ta' assi indeboliti) – filwaqt li fl-istess ħin jiġi aċċettat li l-użu biss tal-garanziji ta' rifinanzjament ma jwassalx għall-obbligu li jiġi ppreżentat pjan ta' ristrutturar ([5]) – jagħti s-sinjal li l-banek għandhom iħejju għal ritorn lejn mekkaniżmi normali tas-suq mingħajr appoġġ mill-Istat hekk kif is-settur finanzjarju gradwalment joħroġ mill-kundizzjonijiet ta' kriżi. Huwa jipprovdi inċentiva għall-istituzzjonijiet individwali li għad għandhom ħtieġa ta' għajnuna sabiex jaċċelleraw ir-ristrutturar neċessarju. Fl-istess ħin, jagħti flessibilità biżżejjed sabiex jitqiesu kif xieraq iċ-ċirkustanzi li potenzjalment ivarjaw li jaffettwaw is-sitwazzjoni tal-banek jew swieq finanzjarji nazzjonali differenti. Huwa jaħseb ukoll għall-possibilità ta' deterjorament globali jew speċifiku għal xi pajjiżi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja, li ma tistax tiġi eskluża bħalissa, fid-dawl tal-fraġilità li għad hemm fl-irkupru tas-swieq finanzjarji.

([1]) Sabiex jiġi miżjud il-kapital ta' protezzjoni, il-banek iddeċidew li jbigħu assi mhux strateġiċi bħall-parteċipazzjonijiet industrijali tagħhom, jew li jiffukaw fuq setturi ġeografiċi speċifiċi. Dwar dan il-punt ara l-BĊE, *EU Banking Sector Stability*, Settembru 2010.

([2]) Skont il-BĊE, il-proporzjon tas-solvenza globali tal-banek żdied sostanzjalment matul l-2009 fil-pajjiżi kollha tal-UE. Minbarra dan, l-informazzjoni dwar kampjun ta' banek kbar tal-UE tissuġġerixxi li t-titjib fil-proporzjonijiet tal-kapital kompla matul l-ewwel nofs tal-2010, sostnut minn żieda fil-qligħ riinvestit u minn ksib ulterjuri ta' kapital privat u injezzjonijiet ta' kapital pubbliku għal xi banek. Ara l-BĊE: *EU Banking Sector Stability*, Settembru 2010.

([3]) L-ambjent regolatorju futur imfassal mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS), l-hekk -imsejjaħ Basel III, jistabbilixxi pjan għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda tal-kapital li għandhom jippermettu lill-banek sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet ġodda ta' kapital tagħhom fuq perjodu ta' żmien. F'dan il-kuntest, huwa interessanti li wieħed jinnota li, l-ewwel nett, il-biċċa l-kbira tal-banek Ewropej il-kbar nett saħħew il-kapital ta' protezzjoni tagħhom matul l-aħħar sentejn sabiex iżidu l-kapaċità tagħhom li jassorbu t-telf u, it-tieni nett, il-banek l-oħra tal-UE għandu jkollhom żmien biżżejjed (sal-2019) sabiex jibnu l-kapital ta' protezzjoni tagħhom bl-użu, inter alia, tal-qligħ riinvestit. Għandu jiġi nnutat ukoll li "l-arranġamenti ta' tranżizzjoni" pprovduti mill-qafas regolatorju l-ġdid stabbilixxew "grandfathering period" sal-1 ta' Jannar 2018 għall-injezzjonijiet eżistenti ta' kapital mis-settur pubbliku. Għaldaqstant, l-obbligi ġodda tal-kapital mhumiex mistennija li jkollhom impatt fuq il-proposta ppreżentata f'din il-Komunikazzjoni.

([4]) Dan se japplika għall-miżuri kollha ta' rikapitalizzazzjoni jew għajnuna għall-assi indeboliti, irrispettivament minn jekk ikunux imfassla bħala miżuri individwali jew mogħtija fil-kuntest ta' skema.

([5]) Madankollu, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat għall-garanziji wara t-30 ta' Ġunju 2010 jistabbilixxi limitu minimu ta' 5 % ta' obbligazzjonijiet pendenti garantiti mill-obbligazzjonijiet totali u ammont totali ta' dejn garantit ta' EUR 500 miljun li meta jinqabeż tkun meħtieġa analiżi tal-vijabbiltà.

## 5. AMBITU TEMPORALI, PROSPETTIVA ĠENERALI

17. L-applikabbiltà kontinwa l-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat u l-estensjoni tal-Komunikazzjoni ta' Ristrutturar se tkun għal sena sal-31 ta' Diċembru 2011 ([1]). Din l-estensjoni taħt kundizzjonijiet mibdula għandha wkoll titqies fil-kuntest ta' tranżizzjoni gradwali lejn sistema aktar permanenti ta' linji gwida ta' għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar tal-banek fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat li għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012, jekk il-kundizzjonijiet tas-suq jippermettu.

---

([1]) F'konsistenza mal-prattika preċedenti tal-Kummissjoni, l-iskemi eżistenti jew ġodda ta' appoġġ tal-Kummissjoni lill-banek (irrispettivament mill-istrumenti ta' appoġġ li fihom: garanziji, rikapitalizzazzjoni, likwidità, għajnuna għall-assi indeboliti, oħrajn) se jiġu mtawla/approvati biss għal tul ta' sitt xhur sabiex ikunu possibbli aġġustamenti ulterjuri, jekk meħtieġ, f'nofs l-2011.

## Ksur 2006/4524 – AUMSA – ittra ta’ qabel l-għeluq

(2010/C 329/08)

Il-fatt li wassal għall-ksur 2006/4524 kien il-ħolqien ta’ kumpaniji mħallta mill-AUMSA, notevolment il-ħolqien tal-kumpanija ta’ kapital imħallat Cabanyal 2010 SA, bi ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE, minħabba li l-ħolqien ta’ dik il-kumpanija wassal għall-għoti ta’ kuntratt pubbliku mill-AUMSA bi ksur tar-regoli li għalihom qed isir riferiment.

Il-Kummissjoni hija sodisfatta li, fl-aħħar tal-perjodu stabbilit fl-opinjoni mmotivata mibgħutha lill-awtoritajiet Spanjoli, il-kumpanija mħallta Cabanyal 2010 SA saret kumpanija ta’ sjieda kompletament pubblika mingħajr ebda parteċipazzjoni privata u li, konsegwentament, il-ksur allegat ma baqax jeżisti.

Għal din ir-raġuni, l-insegwiment tal-allegat ksur kien abbandunat mill-Kummissjoni fl-istadju li l-każijiet magħquda 2006/2366 u 2006/4524 ikunu referuti lill-Qorti.

Konsegwentament, is-Servizzi tal-Kummissjoi dalwaqt ser ikunu qed jipproponu l-għeluq formali ta’ dan il-każ lill-Kulleġġ tal-Kummissarji.

Jekk il-persuni li ressqu l-ilmenti jkollhom kwalunkwe informazzjoni li tista’ tbiddel il-valutazzjoni riferuta, huma mistiedna li jressquhom lill-Kummissjoni mill-iktar fis, u fi kwalunkwe każ fi żmien erba’ ġimgħat mill-pubblikazzjoni ta’ dan l-avviż.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.5999 – Sanofi-Aventis/Genzyme)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 329/09)

1. Fid-29 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Sanofi-Aventis (Franza) takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża Genzyme (l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz ta' asta pubblika mħabbra fl-4 ta' Ottubru 2010.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża Sanofi-Aventis: l-iżvilupp, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' farmaċewtiċi, vaċċini umani u prodotti tas-saħħa għall-annimali,

— għall-impriża Genzyme: ir-riċerka, l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' farmaċewtiċi, b'mod partikolari prodotti tal-bijoteknoloġija użati fil-kura ta' mard ġenetiku rari, mard kardjometaboliku u tal-kliewi, fil-bijokirurġija u l-onkoloġija ematoloġika u l-isklerosi multipla.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5999 – Sanofi-Aventis/Genzyme, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.5984 – Intel/McAfee)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 329/10)

1. Fid-29 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Intel Corporation ("Intel", l-Istati Uniti) takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża McAfee Inc. ("McAfee") permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Intel: l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' prodotti ta' teknoloġija diġitali avvanzata integrata, prinċipalment ċirkwiti integrati, għal industrji tal-informatika u tal-komunikazzjonijiet,

— għal McAfee: it-tfassil u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi għas-sigurtà teknoloġika tal-informazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5984 – Intel/McAfee, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT